Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, motiv uniku, ibbażat fuq żbalji mwetttqa mill-Kummissjoni li jaffettwaw l-irkupru permezz ta' tpaċija tal-ammonti riċevibbli tas-somom imħallsa mill-Kummissjoni lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ssostni essenzjalment f'dan ir-rigward, li l-kundizzjonijiet ta' tpaċija ma humiex issodisfatti. L-ewwel nett, l-ammont riċevibbli tal-Kummissjoni fuq ir-rikorrenti ma huwa la ċert u lanqas dovut. Sussegwentement, il-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 87(2), dwar l-irkupru ta' ammonti riċevibbli bi tpaċija, u l-Artikolu 88 dwar l-ikupru meta ma jsirx ħlas volontarju, tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma għandha ebda azzjoni kuntrattwali fir-rigward tagħha. Sussidjarjament, fil-każ fejn il-Qorti Ġenerali tqis it-tpaċija bħala fondata, ir-rikorrenti ssostni li r-rimbors totali tas-sussidju li hija rċeviet imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u jirrappreżenta arrikkiment indebitu tal-Kummissjoni.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 2015 – Elan vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-27/13)** ([1])

(2015/C 429/37)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 86, 23.03.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015 – ECC Couture vs UASI – Ball Wholesale (Culture)**

**(Kawża T-28/13)** ([1])

(2015/C 429/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 79, 16.3.2013

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2015 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-260/13)** ([1])

(2015/C 429/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 189, 29.6.2013.